**PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(ĠURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Numru 25/2021 MS*

**Victor Gusman bħala Amministratur tad-Djoċesi ta' Għawdex kif ukoll f'isem il-Parroċċa tal-Madonna ta' Loreto ta' Għajnsielem, Għawdex li tifforma parti mill-istess Djoċesi, u b'digriet tad-19 ta' Ottubru 2021, Anthony Bezzina qiegħed jassumi l-atti minflok Victor Gusman**

**Vs.**

**L-Avukat tal-Istat, u għal kull interess li jista' jkollha, l-Awtorità tal-Ippjanar**

Illum, 30 ta' Mejju, 2024

Kawża Numru: 1K

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors preżentat fil-15 ta' Jannar, 2021 mir-rikorrenti fil-kwalità tiegħu kif fuq premessa li bih, wara li ġie premess hekk:

> Illi d-Djoċesi ta' Għawdex u l-Parroċċa tal-Madonna ta' Loreto ta' Għajnsielem, Għawdex li tifforma parti mill-istess Djoċesi huma proprjetarji tal-art f'Għajnsielem, Għawdex, li fuqha llum jinsab il-kumpless tal-grawnd tal-futbol ta' Għajnsielem Football Club, liema kumpless issejjaħ "Dun Karm Cassar" mid-diriġenti tal-istess klubb;
>
> Illi din l-art kienet inkriet lil Għajnsielem Football Club permezz ta' kuntratt ta' kera fl-atti tan-Nutar Anna Maria Mizzi tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Lulju elfejn u tnax (2012);
>
> Illi l-esponenti nomine ilu impenjat f'tentattivi sabiex iġiegħel lill-Klubb josserva l-kundizzjonijiet tal-kirja u fin-nuqqas, jirriprendi l-pussess ta' dan il-fond lokatizju sa mis-sena 2017;
>
> Illi l-proċeduri relattivi jinsabu pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Inferjuri fl-atti tal-Avviż Nru. 6/2018SG fl-ismijiet "Victor Gusman nomine vs Għajnsielem F.C.";
>
> Illi reċentement, Għajnsielem F.C. għamlu xogħol ta' kostruzzjoni fuq dan il-fond allegatament mingħajr il-permessi meħtieġa mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar;
>
> Illi dan ix-xogħol sar mhux biss mingħajr xi awtorizzazzjoni, intervent jew kunsens da parti tal-esponenti, imma saħansitra kontra l-volontà tiegħu, u mingħajr ma l-esponenti seta' b'xi mod iwaqqaf jew jimpedixxi lil dan ix-xogħol milli jsir;
>
> Illi in segwitu għal dan l-Awtorità tal-Ippjanar ħarġet Avviż biex Tieqaf u Infurzar bir-referenza ECF/00108/20 dwar il-kostruzzjoni allegatament mingħajr permess tal-bini ta' kmamar, bar, pitch tal-boċċi, tinda u ħitan tal-franka; u bħala parti minn dan l-avviż imponiet multa ta' kuljum fuq l-esponenti bħala s-sid tal-fond li dwaru allegatament saret din l-illegalità;
>
> Illi l-esponenti appella kontra dan l-avviż biex tieqaf u infurzar quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, liema appell iġib ir-referenza PAB350/2020, u ġie appuntat għall-ewwel darba għas-smigħ quddiem dak it-Tribunal għal nhar il-Ħamis 7 ta' Jannar 2021;

Illi f'dik l-udjenza, l-esponenti qajjem il-kwistjoni li d-dispożizzjoni tal-liġi li tawtorizza lill-Awtorità tal-Ippjanar li timponi multi ta' kuljum fuq sid ta' proprjetà minħabba illegalità li tkun saret fil-prorpjetà tiegħu, mingħajr il-kunsens jew approvazzjoni tiegħu, u minkejja l-aħjar sforzi tiegħu sabiex iwaqqaf dik l-illegalità hija anti-kostituzzjonali u tikser id-drittijiet fundamentali tiegħu għal diversi raġunijiet;

Illi għaldaqstant huwa talab li t-Tribunal jirreferi dan il-punt għal deċiżjoni minn qorti kompetenti, u finalment it-Tribunal ikkonċeda lill-esponenti terminu sabiex ikun huwa li jintavola rikors opportun;

Illi l-multa ta' kuljum ġiet imposta fuq l-esponenti b'applikazzjoni tal-Artikolu 100 tal-Kap. 552 (li huwa identiku għall-Artikolu 100 tal-Kap. 529 tal-Liġijiet ta' Malta, li, fis-subartikolu 4 tiegħu jipprovdi kif ġej:

(4) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet jew regolamenti maħruġa taħt dan l-Att, meta ma jsirx appell minn avviż ta' twettiq u s-sid jew l-okkupant tal-art soġġetta għall-avviż ta' twettiq jew kull persuna responsabbli għall-atti msemmija fl-avviż, jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dak l-avviż ta' twettiq fiż-żmien preskritt fl-avviż ta' twettiq, dik il-persuna għandha tkun obbligata li tħallas multa ta' kuljum li għandha tkun regolata b'regolamenti magħmula mill-Ministru, li ma tkunx teċċedi ħamsin euro (€50) għal kull jum li għandha tapplika mill-jum li dik l-illegalità msemmija fl-avviż ta' twettiq li jkun notifikat, tkompli. Meta l-avviż ikun ġie appellat u l-avviz ta' twettiq ikun ġie kkonfermat mit-Tribunal jew mill-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri), kif ikun il-każ, il-multa ta' kuljum għall-kontinwazzjoni tal-illegalità għandha tkun ikkalkolata mid-data oriġinali notifikata fl-avviż ta' twettiq:

Illi fir-risposta tagħha għall-appell kontra dan l-avviż, l-Awtorità tal-Ippjanar insistiet li hija intitolata li timponi din il-multa bl-applikazzjoni tal-artikolu 97 tal-imsemmi Kap. Dan l-artikolu jipprovdi kif ġej:

(4) Jekk lill-Kunsill Eżekuttiv jidhirlu li xi attività u, jew żvilupp ta' art ikun ġie mwettaq wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att mingħajr l-għoti ta' permess meħtieġ f'dak ir-rigward taħt dan l-Att, jew li xi kondizzjonijiet li għalihom permess bħal dak mogħti fir-rigward ta' xi attività u, jew żvilupp kien soġġett ma ġewx imħarsa, il-Kunsill Eżekuttiv jista', wara li jikkunsidra d-dispożizzjonijiet tal-pjanijiet għall-iżvilupp, policies tal-ippjanar u kull konsiderazzjoni oħra ta'sustanza, jinnotifika lis-sid tal-art jew lill-okkupant tal-

art jew lill-persuna responsabbli għall-atti msemmija fl-avviż, jew kwalunkwe kombinazzjoni tagħhom kif il-Kunsill Eżekuttiv jidhirlu l-aktar spedjenti, avviż ta' twettiq u s-subartikolu (3) għandu japplika hawn ukoll, billi jeħtieġ li jittieħdu dawk il-passi li jiġu speċifikati fl-avviż fiż-żmien hekk ukoll speċifikat sabiex l-art titreġġa' lura għall-istat li kienet fih qabel ma saret l-attività u, jew l-iżvilupp jew għat-tneħħija ta' żvilupp jew sabiex jiżgura konformità mal-kondizzjonijiet imsemmija qabel, skont kif ikun il-każ, u b'mod partikolari, iżda bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak hawn aktar qabel imsemmi kull avviż bħal dak jista', għall-għanijiet imsemmija, jeħtieġ id-demolizzjoni jew tibdil ta' kull bini jew xogħlijiet, il-waqfien ta' xi użu ta' art, jew li jsiru fuq l-art kull bini jew xogħlijiet oħra.

Illi l-esponenti jemmen li dawn id-dispożizzjonijiet jiksru d-drittijiet fundamentali tiegħu għal diversi raġunijiet:

Fl-ewwel lok, il-multa ta' kuljum imposta fuq is-sid ta' proprjetà li jinsab f'ċirkustanzi simili għal dik tal-esponenti hija applikabbli kontra tiegħu minħabba l-kwalità tiegħu ta' sid il-proprjetà li dwar twettaq xogħol mingħajr il-permessi neċessarji mingħajr ebda possibbiltà għal dak is-sid li jiskolpa ruħu billi juri li huwa ma kellu x'jaqsam xejn ma' dak ix-xogħol;

Fit-tieni lok, din il-multa għandha min-natura ta' piena penali u kriminali li qegħda tiġi imposta minn awtorità li għalkemm hija waħda amministrattiva pubblika la hija tribunal u lanqas qorti ġudizzjarja u għaldaqstant

Illi, tenut kont illi kemm il-Kapitolu 529 kif ukoll il-Kapitolu 552 huma (a) liġi ta' dritt pubbliku intiża li tikkontrolla l-iżvilupp edilizju fl-interess pubbliku; (b) jawtorizzaw lill-Awtorità tal-Ippjanar li timponi multi severi; (c) liema multi huma ta' natura penali u kriminali ntiżi li jkollhom "[a] deterrent effect", il-vjolazzjonijiet ta' dawn l-atti leġiżlattivi huma "reati kriminali" skont l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u "criminal charges / offences" skond l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u għaldaqstant il-konstatazzjoni li twettaq żvilupp mingħajr permess fuq il-proprjetà tal-esponenti hija akkuża ta'"reat kriminali" għat-tenur 39(1) tal-Kostituzzjoni u "criminal charge" skont l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni.

F'dan ir-rigward, in tema legali, għandu jiġi nnotat li skont il-ġurisprudenza tal-Qrati ta' pajjiżna kif ukoll tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ("il-Qorti Ewropea"), il-klassifikazzjoni ta' ksur ta' dispożizzjoni legali fil-liġi domestika bħala 'amministrattiva' jew 'regolatorja' mhux

determinanti. Il-fatturi prinċipali relevanti għall-karatterizzazzjoni tal-liġi partikolari huma dawk imsemmija fil-paragrafu preċedenti u ċjoè: in-natura tal-liġi; is-severità tal-piena, u l-iskop penali u deterrenti tal-multa;

llli, skond il-liġijiet impunjati, il-penali u s-sanzjonijiet li jista' jeħel is-sid ta' proprjetà li fuqha jkun twettaq żvilupp edilizju, speċjalment meta, bħall-esponenti, dak is-sid ma jkun ipparteċipa bl-ebda mod f'dak l-iżvilupp edilizju, jistgħu jkunu ta' natura inġenti. Din is-sitwazzjoni hija aggravata bil-fatt li, skont il-liġijiet impenjata, f'każ ta' appell kontra avviż biex tieqaf u ta' infurzar twettiq, il-multa xorta waħda tibqa' tiddekorri mid-data tal-ħruġ ta' dak l-avviż;

Illi I-Kostituzzjoni teżiġi li akkużi ta' reati kriminali jiġu determinati esklużivament minn Qrati, u minn ebda entità oħra fl-istadji kollha tal-proċess. Infatti mentri fis-subartikolu (1) tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, li jirrigwarda reati kriminali, jintużaw il-kliem "qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi", fis-subartikolu (2) li jirrigwarda drittijiet jew obbliġi ċivili jintużaw l-kliem "qorti jew awtorità' oħra ġudikanti". Il-kelma 'qorti' ma tinkludix kull forma ta' tribunal jew post fejn il-ġustizzja tiġi amministrata u għaldaqstant il-kelma 'qorti' tinkludi biss il-qrati kostituzzjonali, kriminali u ċivili, kemm superjuri u inferjuri.

Illi la l-Awtorità tal-Ippjanar u lanqas it-Tribunal ta' Reviżjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ma huma Qrati skont il-Kostituzzjoni. Għalhekk, ġaladarba li l-avviż biex tieqaf u ta' infurzar skond 1-artikoli 97 u 100 tal-Kap. 529 u skont l-artikoli 97 u 100 tal-Kap. 552 huwa ta' natura kriminali, dan il-proċess fil-konfront tal-esponenti inħareġ minn organu, u sejjer jiġi determinat minn tribunal, li ma humiex Qorti, bi ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti taħt 1-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni;

llli, inoltre, la dik l-Awtorità u lanqas dak it-Tribunal ma jistgħu jitqiesu bhala tribunal u lanqas huma 'indipendenti u imparzjali'. Kif fuq imsemmi, l-ewwel waħda hija awtorità amministrattivi;

Illi effettivament, l-iskop u r-responsabbiltà prinċipali tal-Awtorità huma dawk li tinvestiga u tinforza allegat ksur tad-dispożizzjonijiet fuq iċċitati. Dawn huma funzjonijiet aktar simili għall-funzjonijet tal-Pulizija Eżekuttiva u tal-prosekuzzjoni u għalhekk huma intrinsikament inkompatibbli mal-funzjonijiet ġudikattivi ta''tribunal

indipendenti u imparzjali', u dana bi ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni;

Illi d-dritt tal-appell mogħti mil-liġi ma jissodisfax ir-rekwiżit tal-indipendenza u imparzjalità imsemmija fl-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għaliex akkużi li huma ta' natura kriminali għandhom jiġu determinati, f'kull istanza, minn Qorti / tribunal indipendenti u imparzjali. Fl-ewwel lok, it-Tribunal huwa prekluż b'liġi milli jeżonera lill-esponenti jekk dan tal-aħħar jipprova li l-illegalità saret mingħajr ebda parteċipazzjoni da parti tiegħu. Fit-tieni lok, il-preżentata ta appell quddiem it-Tribunal (illi lanqas huwa Qorti skond il-Kostituzzjoni) m'għandhiex l-effett li tissospendi l-ordni, jew il-hlas ta' penali kwotidjana li dwarhom qed isir l-appell. Dan ifisser ukoll illi, bħala regola, persuna ssir soġġetta għal piena kriminali qabel ma jiġi determinat il-każ quddiem tribunal indipendenti u imparzjali u mingħajr ebda possibbiltà li tressaq prova tal-innoċenza tagħha.

Finalment, il-preżunzjoni *jure et de jure* rtiżultanti minn dawn id-dispożizzjonijiet li sid ta' proprjetà għandu jinstab ħati u għalhekk għandu jħallas il-multa ta' kuljum hemm stabbilita tikser il-prinċipju li persuna akkużata għandha titqies innoċenti sakemm ma tinġabx prova kuntrarja tikser id-dritt fundamentali tal-esponenti protett kemm bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni kif ukoll l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea

l-istess rikorrenti nomine għadda biex jitlob lil din il-qorti jogħġobha tagħtih kull rimedju xieraq ghall-ksur tad-drittijiet fondamentali tiegħu fil-kwalità tiegħu fuq premessa, fosthom:

1. tiddikjara illi l-artikoli 97 u 100 tal-Kap. 529 u l-artikoli 97 u 100 tal-Kap. 552, in kwantu li jawtorizzaw jew jobbligaw lill-Awtorità tal-Ippjanar li timponi multa ta' kuljum fuq sid ta' proprjetà li fuqha jkun sar żvilupp illegali, anki jekk dak l-iżvilupp ikun sar mingħajr xi forma ta' parteċipazzjoni da parti ta' dak is-sid, u sa fejn jagħtu lit-Tribunal ta' Reviżjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar is-setgħa li jisma' appell minn avviż biex tieqaf u ta' infurzar f'sitwazzjonijiet simili huma inkompatibbli u inkonsistenti mad-dispost tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni;

2. Konsegwentement tiddikjara li avviż biex tieqaf u ta' infurzar maħruġ f'dawn iċ-ċirkustanzi ma jiswiex u ma

għandux effett quddiem l-esponenti, u tgħid ukoll illi dan l-avviż maħruġ mibdija kontra l-esponenti taħt dawk id-disposizzjonijiet tal-liġi huma bi ksur tal-jedd tal-esponenti għal smigħ xieraq imħares taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u għalhekk null.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati.

2. Rat ir-risposta preżentata mill-Awtorità tal-Ippjanar fil-25 ta' Marzu, 2021[1], li biha din eċċepit hekk:

1. Preliminarjament dina l-Onorabbli Qorti ghandha tirrifjuta milli twettaq is-setghat Kostituzzjonali/Konvenzjonali taghha, u dan kif provdut fil-*proviso* ghat-tieni sub-inciz tal-Artikolu 4 tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta u l-*proviso* ghat-tieni sub-inciz tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni. Ir-rikorrenti kellu, jinqeda b'uhud fost l-ghadd ta' mezzi xierqa ta' rimedji mahsuba fost ohrajn, kemm taht il-Kapitolu 552, u kif ukoll taht il-Kapitolu 551 tal-Ligijiet ta' Malta, li bihom seta' jopponi ghall-hlas tal-penali mposta b'rabta mal-Avviz ta' Twettieq u Waqfien maghrufa mill-istess rikorrenti fir-rigward tal-illegalitajiet hemm imsemmija. Di fatti, prezentament ir-rikorrenti qed jaghmel uzu minn wiehed minn dawn ir-rimedji ordinarji u dan billi appella mill-Avviz ta' Waqfien u Twettieq quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, li hu organu awtonomu u indipedenti, liema proceduri ghandhom fil-prezent pendenti;

2. Illi minghajr pregdizzju ghas-suespost, l-Awtorita' tal-Ippjanar tishaq illi l-artikoli tal-ligi kkwotati mill-Kapitolu 529 tal-Ligijiet ta' Malta ma ghandhom l-ebda relevanza ghall-fatti tal-kaz odjern u mal-operat tal-Awtorita' esponenti;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-multi amminisitrattivi li r-rikorrenti huwa soggett ghalihom hija sforz l-inadempjenza ghat-tharis ta' avvizi u ordnijiet ta' twettiq mahruga skont l-artikolu 95, 97 u 100 tal-Kapitolu 552;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti bhala proprjetarju ghandu obbligi u drittijiet ai termini tal-ligi sabiex jikkontrolla kwalunkwe zvillup illegali li hemm fuq il-fond u sabiex jirkupra kwalunkwe danni naxxenti minn

[1] Ara folio 24.

tali ghemil. Ghaldaqstant, hija inkoncepibbli kif ir-rikorrenti jsostni illi s-sid m'ghandux jinzamm responsabbli ghal kwalunkwe zvilupp illegali li ssir fuq proprjeta' tieghu;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-artikolu 100(5) tal-Kapitolu 552 jipprovdi li *"kull ammont ieħor dovut lill-Awtorità skont xi dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att jew xi regolamenti maħruġin taħt l-istess Att ikunu jistgħu jiġu rkuprati bħala dejn ċivili mill-Awtorità mingħand il-persuna li f'dak iż-żmien tkun sid l-art, jew mingħand l-okkupant tal-art, jew mingħand persuna responsabbli għall-għemil indikat f'xi avviż, inkluż avviż ta' ħlas, jew applikant, bla ħsara għal kull jedd ta' dik il-persuna li tirkuprahom mingħand xi persuna oħra.";*

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jezisti rimedju ulterjuri iehor li tahseb ghalih il-Legislazzjoni Sussidjarja 552.24 u cioe it-tressiq ta' petizzjoni quddiem it-Tribunal tar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar li permess taghha wiehed jista' jopponi ghall-hlas ta' multa kwotidjana imposta b'rabta ma' Avviz ta' Waqfien u ta' Twettiq mahruga mill-Awtorita' tal-Ippjanar;

7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma huwiex minnu li r-rikorrenti ma kellux l-opportunita' li jressaq l-kaz tieghu quddiem qorti imparzjali u independenti;

8. Illi minghajr pregudizzju, ma huwiex minnu li t-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar ma huwiex meqjus bhala qorti imparzjali u independenti;

9. Illi minghajr pregudizzju ghas-suepost, ma huwiex minnu li hemm ksur tal-jedd ta' smiegh xieraq tar-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;

10. Illi minghajr pregusizzju ghas-suespost, ghalkemm l-Awtorita' tal-Ippjanar hija moghnija bis-setgha li timponi multi amministrattivi fir-rigward ta' zvillup illegali, dan ma jfissirx li l-Awtorita' esponenti qed tiddetermina jew tiddeciedi reat kriminali;

11. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-impozizzjoni ta' multa kwotidjana hija ta' bixra amministrattiva u mhux kriminali. Galadarba hija l-ligi stess li tqis dawn il-multi bhala natura amministattiva u civili, il-garanziji procedurali li skont il-Kostituzzjoni ta' Malta jghoddu ghall-proceduri kriminali ma jistghux jigu interpretati ghall-proceduri amministattivi;

12. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti ma jistax jinqeda bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u dan peress li l-pretesjonijiet tar-rikorrenti ma jikkoncernawx akkuzi jew proceduri kriminali;

13. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-multi amministrattivi li jinsabu fl-iskeda tar-Regolamenti dwar multi ghal kull gurnata u multi amministattivi (Legislazzjoni Sussidjarja 552.24) ma humiex harxa li jistghu jigu kkunsidrati ta' natura kriminali;

14. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrent ma jistax jorbot it-thassir tal-Avviz ta' Waqfien u ta' Twettiq bhala konsegwenza tal-ewwel talba taghha fir-rikors u dana peress li l-izvillup illegali jibqa' illegali u dan lil hinn mill-impozizzjoni tal-multi;

15. Illi l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

16. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

17. Bl-ispejjez.

3. Rat ir-risposta li ressaq l-Avukat tal-Istat fit-23 ta' Marzu, 2021[2], u li biha ġew sollevati dawn l-eċċezzjonijiet:

*Fatti*

1. Illi permezz ta' din l-azzjoni kostituzzjonali l-attur qiegħed jallega illi d-diżposizzjonijiet tal-liġi, senjatament l-**artikoli 97 u 100 tal-Kap.552 tal-Liġijiet ta' Malta** flimkien mal-**artikolu 100 tal-Kap 529 tal-Liġijiet ta' Malta,** li jawtorizzaw/jobbligaw lill-Awtorità intimata li timponi multa ta' kuljum fuq sid ta' propjetà li fuqha jkun sar żvilupp u sa fejn jagħtu s-setgħa lit-Tribunal ta' Reviżjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar li jisma' appell minn dawn l-avviżi qiegħdin jilledu d-drittijiet fondamentali tar-rikorrent taħt l-**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali** u **l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni;**

2. Illi l-esponent jirrespingi dawn l-allegazzjonijiet bħala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li, kif ser jigi spjegat aktar

[2] Ara folio 27.

`l isfel, l-ebda agir ta` l-esponent ma kiser jew illeda xi dritt fundamentali tar-rikorrent;

***Eċċezzjonijiet Preliminarji (Leġittimu Kontradittur – Rimedju Ordinarju – Rikorrent ma jistax jinqeda bl-Artikolu 39(1))***

3. Illi qabel xejn l-Avukat tal-Istat ma jistax iwieġeb għall-multi li qegħdin jiġu kkontestati mir-rikorrent għaliex ma kienx l-Avukat tal-Istat li ħariġhom. Anzi minn kif jidher mir-rikors kostituzzjonali l-multi ġew allegatament imposti mill-Awtorità tal-Ippjanar u għaldaqstant l-Avukat tal-Istat m'huwiex leġittimu kontradditur fl-azzjoni odjerna;

4. Illi preliminarjament ukoll, dawn il-proċeduri huma intempestivi għaliex ir-rikorrent nomine ma eżawrixxiex ir-rimedji ordinarji qabel ma ntavola din il-kawża kostituzzjonali speċjali. L-esponent jenfasizza li proċeduri kostituzzjoni ma jistgħux jieħdu post il-proċeduri ordinarji li għandhom dejjem jiġu utilizzati l-ewwel u qabel kollox u fil-fatt il-proċeduri quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-intimat għadhom għaddejjin u lanqas biss għad hemm id-deċiżjoni inizjali, tanto meno appell;

5. Illi magħdud ma dan sa fejn l-attur qiegħed jitlob illi l-avviż ta' infurzar għandu jkun null fil-konfront tiegħu, l-esponenti jeċċepixxi li r-rikorrent ma eżawriex ir-rimedji ordinarji li tagħtih il-liġi. Il-prinċipji li jirregolaw il-materja tat-twettiq ta` rimedji ordinarji fl-isfond tal-azzjonijiet kostituzzjonali jinsabu fl-**artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni** u l-**artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta` Malta**. Fihom insibu speċifikat li l-qorti b`kompetenza kostituzzjonali għandha tirrifjuta milli tinqeda b`dawn is-setgħat speċjali mogħtija lilha mil-liġi, jekk kemm-il darba hija tkun sodisfatta li kien hemm disponibbli mezzi xierqa ta` rimedju taħt il-liġi ordinarja biex jindirizzaw il-pretensjonijiet tar-rikorrent. Illi fil-każ odjern hemm appell pendenti quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u għalhekk ir-rikorrent ma jistax jinqeda b'dan ir-rimedju straordinarju sabiex jottjeni riżultati illi jaqgħu fil-mansjoni tar-rimedji ordinarji. Għaldaqstant huwa opportun illi dina l-Onorabbli Qorti tiddeklina milli teżerċita l-poteri tagħha taħt il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni u dan ai termini tal-**artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni** u l-proviso għall-**artikolu 4 (2) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta` Malta** stante l-eżistenza ta` mezzi ordinarji ta` rimedju;

6. Illi preliminarjament ukoll, ta' min jgħid li jekk wieħed jeżamina d-diċitura tal-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni**,

naraw kif l-ilmenti u l-allegazzjonijiet miġjuba mir-rikorrent ma jistgħux jiġu kkunsidrati għaliex hawnhekk mhux qed nitkellmu dwar akkużi jew proċeduri kriminali. Għalhekk, ir-rikorrent ma jistax jinqeda bl-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni sabiex iħassar dawk il-liġijiet u/jew proċeduri amministrattivi li nbdew taħthom;

7. Magħdud ma' dan, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-attur għandu jiċċara l-posizzjoni tiegħu fir-rigward tal-**artikolu 100 tal-Kap.529 tal-Liġijiet ta' Malta** għaliex dan l-artikolu ma jeżistix fil-liġi nostrana u l-**Kapitolu 529 tal-Liġijiet ta' Malta** huwa l-**Att dwar Provdituri ta' Servizz lil Kumpanniji** li fl-umli fehma tal-esponent mhuwiex rilevanti għall-każ odjern;

***Multa impostata fuq is-sid***

8. Illi r-rikorrent nomine qiegħed jilmenta illi d-dispożizzjoni tal-liġi li timponi l-multa fuq is-sid, fiċ-ċirkustanzi tiegħu, qiegħda tilledi d-drittijiet fondamentali tiegħu. Illi huwa ben saput illi minkejja illi s-sid qiegħed jikri l-propjetà xorta waħda għandu ċerti jeddijiet u obbligazzjonijiet fuq il-propjetà inkwistjoni. Għalhekk huwa inkonċepibbli illi r-rikorrenti jsostni illi s-sid m'għandux jinżamm responsabbli għal kwalunkwe żvilupp illegali fuq l-art tiegħu;

9. Magħdud ma' dan meta tħares lejn kif l-**artikolu 100 tal-Kapitolu 552 tal-Liġijiet Malta** huwa abbozzat wieħed jinduna illi l-liġi mhux għas-sid biss tirreferi iżda tirreferi għas- "*sid jew l-okkupant*" tal-art; u fil-każ tal-**artikolu 97 tal-Kapitolu 552 tal-Liġijiet ta' Malta** tirreferi għal *"avviż ta' waqfien lil kull persuna qiegħda twettaq attività bħal dik"* . Għalhekk l-argument tar-rikorrent huwa infondat għax din il-liġi ma tapplikax biss kontra sidien biss iżda hija iktar wiesa fl-applikazzjoni tagħhom. Għal din ir-raġuni l-esponent ma jistax jifhem għalfejn ir-rikorrent nomine kellu jiddekorri għal dan ir-rimedju meta r-rikorrent nomine faċilment setgħa jargumenta quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar illi m'huwiex responsabbli għax-xogħlijiet. Għaldaqstant l-argument illi dawn l-artikoli fis-sitwazzjoni partikolari tas-sid qiegħdin jilledu d-drittijiet fondamentali tar-rikorrent ma jreġġix meta huwa ċarissimu illi dawn l-artikoli jistgħu japplikaw wkoll għall-okkupanti tal-art;

***In-natura tal-multa***

10. Ir-rikorrent ukoll qiegħed jilmenta illi l-imsemmija multa hija ta' natura ta' piena penali u kriminali. L-ilment tar-rikorrenti mhuwiex wieħed siewi. Lil hemm mill-fatt li l-

multi amministrattivi ma jistgħux jitqiesu bħala pieni ta' natura kriminali, jissokta jingħad li mhux minnu li r-rikorrent m'għandux jedd li jressaq il-każ tiegħu quddiem qorti indipendenti. Taħt l-**artikolu 100 tal-Kap. 552,** avviż ta' twettiq jista' jiġi kkontestat quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) wara l-istadju t'appell quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar;

11. Illi sakemm id-deċiżjoni tal-organu amministrattiv tkun tista' tiġi mistħarrġa u sindikata minn awtorità mogħnija b'funzjonijiet gudizzjarji allura ma hemm l-ebda problema mal-ħtiġijiet tas-smiegh xieraq. Illi skont il-ġursprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drttijiet tal-Bniedem, ara **Janosevic vs L-Isvezja**, huwa kompatibbli ma **Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** għal awtorità amministrativa li tgħaqqad poter investgattv u teħid ta' deċiżjonijiet sakemm hemm possibbilità għal appell, *"before a judicial body that has full jurisdiction, including the power to quash in all respects, on questions of fact and law, the challenged decision".* Fi kliem ieħor, huwa biss jekk ma jeżistix dritt ta' appell mid-deċiżjoni ta' l-organu amministrattiv li wieħed jista' jitkellem fuq potenzjal ksur tal-jedd ta' smiegh xieraq;

12. *A contrario sensu*, jekk wieħed skont il-liġi ordinarja jkun jista' jattakka d-deċiżjoni tal-organu amministrattiv quddiem organu ġudizzjarju allura ma jkunx hemm problemi mal-jedd ta' smiegħ xieraq. Appuntu fil-każ tagħna, kif ingħad aktar kmieni, id-deċiżjoni tal-Awtorità intimata tista' tiġi attakkata u anke mħassra saħanistra quddiem żewġ fora ġudizzjarji differenti, l-ewwel quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u sussegwentement quddiem il-Qorti tal-Appell;

13. Jiġi b'hekk, li l-liġi Maltija hija kompatibbli mal-jedd ta' smiegħ xieraq kif dan ġie interpretat fil-ġurisprudenza internazzjonali fil-forum tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem. Illi *multo magis* imbilli skont il-liġi, l-Awtorità tal-Ippjanar hija mogħnija bis-setgħa li twaħħal multi amministrattivi għal min jinstab li kiser il-liġijiet li jirregolaw l-iżvilupp tal-bini, dan ma jfissirx b'daqshekk li hija qiegħda tiddetermina jew tiddeċiedi reati kriminali;

14. Illi wara kollox hija l-liġi Maltija stess li tgħid li dawn il-proċeduri huma ta' bixra amministrattiva u mhux kriminali. Għalhekk la hija l-liġi stess li tqis dawn il-proċeduri bħala ta' għamla amministrattiva, il-garanziji proċedurali li skont il-**Kostituzzjoni ta' Malta** jgħoddu għall-proċeduri kriminali ma jistgħux jiġu mġebbda wkoll għal dawn il-

proċeduri amministrattivi. *A verbis legis non est recedendum*;

15. Illi dejjem bla pregudizzju għal dak fuq imsemmi, anke jekk jitqies għall-għeħ tal-argument biss li t-Tribunal ta' Reviżjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar mhuwiex qorti indipendenti u imparzjali fis-sens li jsemmi l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni, xorta waħda dan ma jiġġustifikax l-ilment kostituzzjonali tar- rikorrent nomine. Dan għaliex mid-deċiżjoni tat-Tribunal dejjem hemm dritt ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell. Għalhekk mhuwiex il-każ li r-rikorrent nomine ħa jkun imċaħħad minn aċċess għall-Qorti;

16. Tassew il-fatt li hemm il-fakoltà li d-deċiżjoni ta' dan it-Tribunal tista' tiġi appellata quddiem il-Qorti tal-Appell teskludi per konsegwenza kwalunkwe vjolazzjoni tad-dritt tas-smiegh xieraq, u proprju fuq dan jiktbu l-awturi **Jacobs**, **White & Ovey** fil-verżjoni tas-sena 2010 tal-ktieb tagħhom, ***"The European Convention on Human Rights",*** f'pagna 269, li "*even where the first instance tribunal is not sufficiently independent, the availability of judicial review by an Article 6 - compliant Court will remedy the earlier defect*" (ara b'eżemplari **Bryan vs. United Kingdom (**App. 19178/91, 22 November 1995). I

17. Illi barra minn dan, l-esponent ma jħossx li l-multi amministrattivi li jinsabu fl-**artikolu 100 tal-Kapitolu 552 tal-Liġijiet ta' Malta** huma tant ħarxa li jistgħu jiġu meqjusa ta' natura kriminali. Għalhekk anke dan l-ilment jixraq li jiġi mwarrab;

18. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fl-umli fehma tal-esponent, ir-rikorrent ma jistax jorbot it-tħassir tal-enforcement notice mal-ilqugħ tal-ewwel talba. Anke jekk stess jinstab li l-proċedura tal-multa amministrattiva hija ħażina, ma jfissirx b'daqshekk li l-enforcement notice huwa wkoll ħażin. L-enforcement notice nħareġ għaliex hemm żvilupp illegali. Żvilupp illegali ma jiġix legali għaliex jitneħħew il-multi;

    Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imfissra r-rikors kostituzzjonali imressaq mir-rikorrent għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra tagħha.

4. Rat in-nota preżentata fil-11 t'Ottubru 2021[3], li biha Anthony Bezzina assuma l-atti tal-kawża minflok Victor Gusman;

[3] A folio 36.

5. Rat in-nota preżentata fit-3 ta' Marzu 2023[4], li biha r-rikorrenti nomine ddikjara, fost ħwejjeġ oħra, li l-meritu tal-kawża ġie llum eżawrit;

6. Rat il-verbal tal-udjenza tal-4 t'Ottubru 2023[5], li minnu jirriżulta li għalkemm il-meritu tal-kawża ġie eżawrit, kien hemm nuqqas ta' qbil dwar il-kap tal-ispejjeż, u li r-rikorrenti nomine ma kienux se jċedu t-talbiet tagħhom billi sabiex il-qorti tiddeċiedi dwar il-kap tal-ispejjeż trid ukoll tippronunzja ruħha dwar l-istess talbiet;

7. Semgħet ix-xhieda prodotta u kif ukoll rat ix-xiehda miġbura quddiemha meta kienet diversament presjeduta, kif ukoll rat id-dokumenti miġbura u l-atti proċesswali fl-intier tagħhom;

8. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet;

9. Rat li l-kawża tħalliet għall-udjenza tal-lum sabiex tingħata s-sentenza;

Ikkunsidrat:

10. Illi din hija azzjoni dwar ksur ta' drittijiet fundamentali. Ir-rikorrenti nomine jilmenta li t-tħaddim tal-artikoli 97 u 100 tal-Kapitoli 529 u 552 tal-liġijiet ta' Malta jikser id-drittijiet fundamentali tiegħu taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

11. Illi l-fatti li wasslu għal din il-kawża jistgħu jiġu rikapitolati kif ġej.

12. Id-Djoċesi t'Għawdex u l-Parroċċa rikorrenti huma s-sidien t'immobbli fi Triq J. F. De Chambray, f'Għajnsielem ġewwa Għawdex[6], li, fiż-żmien rilevanti, kien mikri lill-għaqda bl-isem "Għajnsielem Football Club", u kien jintuża mill-għaqda inkwilina sabiex fih iżżomm logħob tal-ballun kif ukoll taħriġ b'rabta mal-istess dixxiplina

[4] A folio 179.
[5] A folio 191.
[6] Ara folio 53 sa 55.

sportiva. Il-kirja saret b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Anna Maria Mizzi tas-27 ta' Lulju 2012[7].

13. Ir-rikorrenti nomine jgħidu li l-għaqda inkwilina kienet inadempjenti sa mill-bidu dwar l-obbligazzjonijiet tagħha, u fil-fatt qatt ma tħallset il-kera miftehma. Minħabba f'hekk, ir-rikorrenti nomine bdew proċeduri legali quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Inferjuri bl-avviż numru 6/2018SG fl-ismijiet "Victor Gusman nomine vs. Għajnsielem F.C.", sabiex jiksbu dikjarazzjoni li l-għaqda nkwilina kienet obbligata tħallas is-somma ta' €15,000 rappreżentanti skadenzi ta' kera[8]. Dik il-kawża kienet, b'deċiżjoni tal-20 t'Ottubru 2021[9], trasferita lill-Bord li Jirregola l-Kera għall-Gżejjer t'Għawdex u Kemmuna.

14. Fil-mori ta' dawk il-proċeduri, l-għaqda inkwilina għamlet xogħlijiet ta' kostruzzjoni fil-proprjetà mikrija lilha, u dan sar, allegatament, mingħajr il-permessi ta' żvilupp meħtieġa. Dan l-iżvilupp jidher li kien jikkonsisti minn «*...bini ta' kmamar, bar, pitch tal-boċċi, tinda u ħitan tal-franka*»[10]. Ir-rikorrenti nomine jsostni li dan l-iżvilupp sar mingħajr l-involviment tad-Djoċesi u tal-Parroċċa rikorrenti, u għalhekk mingħajr l-awtorizzazzjoni, l-intervent u l-kunsens tagħhom[11]. Ir-rikorrenti jgħidu li kien biss bis-saħħa tal-azzjonijiet meħuda mill-Awtorità intimata, u li se jissemmew hawn taħt, li saru jafu bl-iżvilupp magħmul mill-għaqda inkwilina. Madanakollu, l-Arċipriet Francis Bajada, li hu l-arċipriet tal-parroċċa t'Għajnsielem, xehed li hu kien aċċetta li jbierek il-*pitch* tal-boċċi li sar f'din il-proprjetà fuq insistenza ta' individwi qrib il-kumitat tal-għaqda inkwilina, u dan *pro bonum pacis* u meta ma kienx infurmat x'kien qed jiġri[12].

15. L-Awtorità intimata, minħabba dan l-iżvilupp magħmul mill-għaqda inkwilina, fit-28 t'Awwissu 2020 ħarġet avviż ta' waqfien u twettiq bin-numru 108/2020 skont l-artikoli 95, 97 u 100 tal-Att VII tal-2016 fil-konfront tar-rikorrent nomine[13]. B'dan l-avviż, ir-rikorrent nomine ingħata sittax-il jum biex ineħħi kull żvilupp li twettaq mingħajr

[7] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-Arċipriet Francis Bajada, a folio 48.
[8] Ara folio 50 'il quddiem.
[9] Ara folio 133.
[10] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Victor Gusman, a folio 45, u r-ritratti minn folio 202 sa 205.
[11] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Victor Gusman, a folio 45, kif ukoll ix-xiehda bl-affidavit tal-Arċipriet Francis Bajada, a folio 48.
[12] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-Arċipriet Francis Bajada, a folio 48.
[13] Ara folio 5.

permess u jreġġa' s-sit lura kif kien qabel sar l-istess żvilupp illegali. Ir-rikorrent nomine ġie wkoll avżat li l-ksur mertu tal-avviż imsemmi jiġbed lejh il-penali msemmija fl-Avviż Legali 276 tal-2012. Fuq l-istess avviż, ġie ndikat li l-multa li kienet se tiġi mposta kienet fl-ammont ta' għaxar Ewro kuljum minn meta jgħaddu s-sittax-il jum għat-tneħħija tal-iżvilupp illegali sad-dekors ta' ħamsin jum, u sussegwentement, għoxrin Ewro kuljum sa mija u tmenin jum mill-ħruġ tal-avviż. Il-multa imbagħad tiżdied għal erbgħin Ewro kuljum sakemm tgħaddi sena mill-ħruġ tal-avviż, u sussegwentement tiżdied għal ħamsin Ewro kuljum. Din il-kategorija ta' multa hija applikabbli għal żoni li huma barra miż-żona ta' żvilupp[14].

16. L-istess avviż inħareġ ukoll fil-konfront ta' Jason Borg[15], wieħed mill-amministraturi tal-għaqda inkwilina[16].

17. Ir-rikorrenti nomine ressqu appell kontra dan l-avviż quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, bir-riferenza PAB350/2020, li beda jinstema' fis-7 ta' Jannar, 2021. Kien f'dik l-udjenza li d-difensur tar-rikorrenti nomine ssolleva l-kwistjoni tal-konformità jew nuqqas ta' konformità tad-dispożizzjoni tal-liġi li tawtorizza lill-Awtorità intimata timponi l-multa ta' kuljum mal-Kostituzzjoni u mal-Konvenzjoni Ewropea. Minħabba li dik il-kwistjoni kienet teżorbita l-kompetenzi tat-Tribunal imsemmi, r-rikorrenti nomine ingħataw żmien biex iressqu l-lanjanza tagħhom quddiem din il-qorti, u kien għalhekk li saret il-kawża odjerna.

18. Jidher li fil-mori ta' din il-kawża, l-iżvilupp illegali milqut bl-avviż ta' waqfien u twettiq bin-numru 108/2020 ġie mneħħi fit-22 ta' Frar 2021[17]. Il-multa li laħqet iddekorriet sal-jum tat-tneħħija tal-iżvilupp illegali kienet tammonta għal elfejn seba' mija u sittin Ewro (€2,760)[18]. Din il-multa jidher li tħallset mill-għaqda inkwilina[19], wkoll fil-mori tal-kawża[20].

---

[14] Ara x-xiehda ta' Ian Galea, a tergo ta' folio 195.
[15] Ara folio 7.
[16] Ara x-xiehda ta' Ian Galea, a folio 195.
[17] Ara x-xiehda ta' Ian Galea, a folio 162.
[18] Ara folio 206.
[19] Ara x-xiehda ta' Jonathan Borg, a folio 184.
[20] Ara folio 179 u 180.

19. Waqt li kien għaddej is-smigħ ta' din il-kawża, l-appell quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar baqa' jiġi differit pendenti l-eżitu tal-kawża odjerna, sakemm l-istess appell ġie rtirat b'dikriet tat-Tribunal tas-6 ta' Diċembru 2022, fuq talba tar-rikorrenti nomine stess[21].

Ikkunsidrat:

20. Illi issa li ġew esposti l-fatti tal-każ, li huma essenzjalment paċifiċi, jmiss li din il-qorti tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha.

21. Qabel xejn, għandu jiġi puntwalizzat li hemm qbil bejn il-kontendenti li l-meritu tal-kawża nnifsu llum huwa eżawrit. Dan għaliex l-avviż ta' waqfien u ta' twettiq li nissel il-multi kwotidjani li xprunaw din il-kawża llum ġie rtirat mill-Awtorità intimata wara li l-iżvilupp illegali ġie wkoll imneħħi. Il-multa li laħqet iddekorriet ukoll tħallset mill-għaqda inkwilina, u mhux mir-rikorrenti nomine. Ir-rikorrenti nomine fil-fatt kienu ċari ħafna meta ddikjaraw li l-uniku interess tagħhom f'din il-proċedura llum tirrigwarda l-kap tal-ispejjeż.

22. Madanakollu, sabiex il-qorti tkun tista' tiddeċiedi dwar il-kap tal-ispejjeż, huwa xorta waħda doveruż għaliha li tinoltra ruħha fuq il-meritu tal-kwistjoni bejn il-partijiet, għaliex mingħajr ma tqis dak il-meritu, ma tistax tiddeċiedi min għandu jbati l-ispejjeż ġudizzjarji (ara per eżempju ***Maria Grima vs. Alfred Attard et***, Appell Superjuri, 6/10/2020; kif ukoll ***Dottor Michelle Tabone noe vs. Carlo sive Charles Fenech***, Bord tal-Kera, 24/3/2024). Prinċipju li jgħodd ukoll għall-kawżi dwar ksur ta' jeddijiet fundamentali. Hekk, per eżempju, fid-deċiżjoni ***Grace Spiteri vs. L-Avukat Ġenerali et*** (Qorti Kostituzzjonali, 17/3/2021) ġie osservat: «*Madankollu l-meritu tal-kawża kien altru milli rilevanti sabiex l-ewwel Qorti tiddeċiedi min mill-partijiet għandu jagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-kawża*».

23. Issa l-ilmenti tar-rikorrenti nomine jistgħu jinġabru taħt żewġ kapi. L-ewwel kap jirrivolvi madwar l-ilment li l-impożizzjoni ta' multa kwotidjana mill-Awtorità intimata huwa ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea,

[21] Ara folio 226.

billi dik il-multa min-natura tagħha hija ta' natura kriminali, u b'hekk huwa neċessarju li tiġi mposta minn "qorti", u mhux minn awtorità pubblika bħal ma hija l-Awtorità ntimata. It-tieni kap tal-ilmenti tar-rikorrenti nomine jirrigwardaw il-fatt li l-leġiżlazzjoni mpunjata tagħti lill-Awtorità intimata l-fakultà li toħroġ avviż ta' waqfien u twettiq, u per konsegwenza l-fakultà li timponi multa, kontra sid ta' sit li fuqu jsir żvilupp illegali, irrispettivament mill-fatt li dak is-sid ma jkollux kontroll jew pussess ta' ħwejġu, u rrispettivament mill-fatt jekk l-iżvilupp illegali sarx bi jew kontra l-kunsens jew ir-rieda tiegħu. Dan kollu, jgħid ir-rikorrenti nomine, jikser id-dritt fundamentali għall-preżunzjoni tal-innoċenza kontenut fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

24. Però qabel xejn, ikun utili li l-qorti tindirizza l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimati.

Ikkunsidrat:

25. Illi l-intimat Avukat tal-Istat eċċepixxa li huwa m'huwiex il-leġittimu kontradittur f'din il-kawża, billi l-multi li huma kontestati mir-rikorrenti nomine ma nħarġux minnu.

26. Din l-eċċezzjoni hija nfondata. Huwa ċar kemm mill-premessi tar-rikors promotur u kemm mit-talbiet hemmhekk dedotti li r-rikorrenti nomine qiegħed jimpunja dispożizzjonijiet tal-liġi ordinarja bħala nkonsistenti mal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u mal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Meta l-meritu tal-azzjoni tkun jekk liġi ordinarja hijiex konsistenti mal-Kostituzzjoni u mal-Konvenzjoni Ewropea jew le, il-leġittimu kontradittur huwa dejjem l-Avukat tal-Istat.

Ikkunsidrat:

27. Illi ż-żewġ intimati wkoll jeċċepixxu li l-azzjoni tar-rikorrenti nomine hija intempestiva billi huwa kellu rimedju ordinarju għad-dispożizzjoni tiegħu, u konsegwentement fid-dawl ta' dak ir-rimedju ordinarju, din il-qorti għandha tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha taħt il-Kostituzzjoni u taħt l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea.

28. Illi l-ġurisprudenza dwar l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea hija llum assodata u konsistenti. Filwaqt li dejjem inżamm il-prinċipju li huwa fid-diskrezzjoni tal-qorti jekk tiddeklinax jew le milli tieħu qies ta' kawża kostituzzjonali jew le, dik id-diskrezzjoni ċertament m'għandhiex tiġi eżerċitata kemm-il darba ma jirriżultax li r-rikorrent kellu rimedju li kien fejjiedi u adekwat għad-dispożizzjoni tiegħu.

29. Iż-żewġ intimati jgħidu li r-rimedju li kellu r-rikorrent f'dan il-każ kien fil-forma t'appell quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar. Però kif inhu risaput, dak it-tribunal, bħal kull tribunal amministrattiv jew kważi-ġudizzjarju ieħor, ma għandux is-setgħa jew il-*vires* li jeżamina kwistjonijiet dwar validità ta' liġijiet ordinarji. U din kienet il-kwistjoni li r-rikorrent nomine issolleva fis-smigħ tal-appell tiegħu, tant li jidher li kien fuq direzzjoni ta' dak l-istess tribunal li tressqet il-kawża odjerna. Dan proprju għaliex dak it-tribunal, korrettement, ma setax jinvesti l-aggravji dedotti mir-rikorrenti dwar l-invalidità tal-liġi li abbażi tagħha nħareġ l-avviż t'infurzar. Kemm hu veru, sa riċentement ġie deċiż li f'appelli li jsiru minn avviż t'infurzar bħal dak meritu tal-kawża, it-tribunal imsemmi għandu biss jirriċerka jekk il-persuna notifikata bl-avviż hijiex sid jew okkupant, u m'għandux jindaga dwar min wettaq l-illegalità (ara ***JAC Steel Limited vs. Awtorità tal-Ippjanar***, Appell Inferjuri, 31/1/2024).

30. Il-qorti tirrileva li fil-każ odjern, ir-rikorrenti nomine ma kienux qed isostnu li m'humiex sidien jew okkupanti tas-sit, jew li ma sarx żvilupp illegali, jew inkella li dak l-iżvilupp illegali ma kienx soġġett għad-dispożizzjonijiet li jiġbdu l-penali li dwarhom saret din il-kawża għaliex ippreċedew id-dħul fis-seħħ tal-liġi ordinarja li abbażi tagħha setgħu jiġu mposti. Dawn huma lmenti ta' fatt li jistgħu jiġu determinati u epurati mit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, u din kienet ir-raġuni għaliex din il-qorti, kif presjeduta, f'deċiżjoni riċenti tagħha[22], qieset li r-rikorrent f'dak il-każ kellu rimedju adekwat quddiem dan it-tribunal. Iċ-ċirkostanzi tal-każ odjern però huma differenti, peress illi fil-każ odjern ma ġiex muri li r-rikorrenti kellhom raġunijiet jew ċirkostanzi li setgħu iwasslu għat-tħassir tal-avviż maħruġ fil-konfront tagħhom mit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar.

---

[22] ***Awtorità tal-Ippjanar vs. Mark Gaffarena*** (12/4/2024).

31. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk l-qorti ma jidhrilix li r-rikorrenti nomine kellu rimedju ieħor għad-dispożizzjoni tiegħu sabiex l-ilmenti sollevati minnu f'din il-kawża jiġu epurati, u lanqas ma kellu xi rimedju ordinarju ieħor għad-dispożizzjoni tiegħu sabiex jeħles mill-effetti tal-avviż mertu tal-kawża, u għalhekk anki dawn l-eċċezzjonijiet tal-intimati qed jitqiesu nfondati.

Ikkunsidrat:

32. Niġu għall-mertu.

33. Nibdew billi nqisu l-ilment li l-Awtorità intimata m'hijiex "qorti" u għalhekk ma tistax timponi multi li huma ta' natura kriminali.

34. Jgħid sew ir-rikorrenti illi l-klassifikazzjoni taħt il-liġi domestika ta' multa m'hijiex determinanti sabiex tiġi determinata l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li jittutelaw il-jeddijiet fundamentali. Kemm taħt il-Konvenzjoni Ewropea u kemm taħt il-Kostituzzjoni, huwa veljanti l-prinċipju ta' «tifsira awtonoma», li permezz tiegħu il-qorti tħares lil'hinn mill-klassifikazzjonijiet u n-nomenklaturi mogħtija mil-leġiżlatur domestiku sabiex tassikura ruħha li l-liġijiet ordinarji li jidħlu fis-seħħ ikunu dejjem konformi mal-Kostituzzjoni u ma' dawk il-partijiet tal-Konvenzjoni Ewropea li jiffurmaw parti mil-liġi ta' Malta, u li huma ġerarkikament superjuri. Fid-deċiżjoni ***Federation of Estate Agents vs. Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) et*** (Qorti Kostituzzjonali, 3/5/2016) intqal bl-aktar mod limpidu:

> Il-qorti tosserva illi, għalkemm huwa minnu wkoll illi r-regoli tal-interpretazzjoni li jgħoddu għal strument internazzjonali bħal ma hija l-Konvenzjoni ma humiex dejjem u bilfors l-istess bħal dawk li għandhom igħoddu għal-liġi domestika, madankollu l-argument tal-Appellanti huwa ħażin, għax il-kunċett ta' "tifsira awtonoma" huwa prinċipju li jgħodd fil-kuntest tal-interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni daqskemm igħodd fil-kuntest tal-Konvenzjoni. U r-raġuni hija ovvja: għax, li kieku ma kienx hekk, il-leġislatur kien ikun jista' faċilment jegħleb il-garanziji li jagħti l-art. 39 tal-Kostituzzjoni billi, b'liġi ordinarja, ineħħi l-kelma "kriminali" mill-Kodiċi Kriminali u jsejjaħlu "Kodiċi ta' Reati Amministrattivi" waqt li jħalli

> l-kontenut sostantiv l-istess u, kif iridu l-Appellanti, il-qorti jkollha "timxi mar-rieda tal-leġislatur". Il-kunċett tat-"tifsira awtonoma" iżda huwa wieħed aċċettat u applikat fil-ġurisprudenza fil-kuntest tal-interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni. B'hekk il-qorti ma tkunx qiegħda tqiegħed lilha nfisha 'l fuq mill-parlament, kif igħidu l-Appellanti, iżda tkun qiegħda ma tħallix illi l-parlament iqiegħed lilu nnifsu 'l fuq mill-Kostituzzjoni, ħaġa li, wara kollox, tagħmilha kull meta ssib illi liġi ma għandhiex tingħata effett għax inkonsistenti mal-Kostituzzjoni.

35. Fir-rikors promotur ir-rikorrent nomine jimpunja l-artikoli 97 u 100 tal-Kapitolu 552 tal-liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-artikoli 97 u 100 tal-Kapitolu 529 tal-liġijiet ta' Malta. Din l-aħħar leġiżlazzjoni tidher li hija kompletament bla relazzjoni għall-fattispeċi tal-każ li għandha quddiemha l-qorti, u aktarx issemmiet biss bi żvista. F'kull każ, huwa evidenti li l-avviż ta' waqfien u ta' twettiq li nissel il-multi li dwarhom qed jilmenta r-rikorrenti sar skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 552 tal-liġijiet ta' Malta, u għalhekk huma biss dawk id-dispożizzjonijiet li se jiġu kkunsidrati.

36. Illi l-artikoli 97 u 100 tal-liġi msemmija, fil-partijiet rilevanti tagħhom, jipprovdu hekk:

> **97.**(1) Jekk ikun jidher lill-Kunsill Eżekuttiv li attività u, jew żvilupp tkun qed titwettaq mingħajr l-għoti ta' permess u, jew liċenza meħtieġa taħt dan l-Att jew li xi kondizzjoni li soġġett għaliha dak il-permess ikun ingħata fir-rigward ta' xi attività bħal dik u, jew żvilupp ma tkunx qed tiġi mħarsa, jew dik l-attività u, jew żvilupp imur kontra dan l-Att jew kontra regolamenti li jinħarġu taħt dan l-Att, il-Kunsill Eżekuttiv għandu joħroġ avviż ta' waqfien lil kull persuna li tkun qiegħda twettaq attività bħal dik, jew żvilupp:
>
> Iżda meta l-attività u, jew żvilupp illegali huwa limitat għal parti mis-sit, l-Awtorità tista' fid-diskrezzjoni tagħha, toħroġ avviż parzjali ta' waqfien li jkun jeħtieġ li l-attività u, jew żvilupp jieqaf minnufih biss fir-rigward ta' dik il-parti tal-attività u, jew żvilupp fejn l-iżvilupp illegali jissussisti u mhux fir-rigward tal-iżvilupp kollu:
>
> ...
>
> (4) Jekk lill-Kunsill Eżekuttiv jidhirlu li xi attività u, jew żvilupp ta' art ikun ġie mwettaq wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att mingħajr l-għoti ta' permess meħtieġ f'dak ir-rigward taħt dan l-Att, jew li xi kondizzjonijiet li għalihom permess bħal dak mogħti fir-rigward ta' xi attività u, jew żvilupp kien soġġett ma ġewx imħarsa, il-Kunsill Eżekuttiv jista', wara li jikkunsidra d-dispożizzjonijiet tal-pjanijiet għall-

iżvilupp, policies tal-ippjanar u kull konsiderazzjoni oħra ta' sustanza, jinnotifika lis-sid tal-art jew lill-okkupant tal-art jew lill-persuna responsabbli għall-atti msemmija fl-avviż, jew kwalunkwe kombinazzjoni tagħhom kif il-Kunsill Eżekuttiv jidhirlu l-aktar spedjenti, avviż ta' twettiq u s-subartikolu (3) għandu japplika hawn ukoll, billi jeħtieġ li jittieħdu dawk il-passi li jiġu speċifikati fl-avviż fiż-żmien hekk ukoll speċifikat sabiex l-art titreġġa' lura għall-istat li kienet fih qabel ma saret l-attività u, jew l-iżvilupp jew għat-tneħħija ta' żvilupp jew sabiex jiżgura konformità mal-kondizzjonijiet imsemmija qabel, skont kif ikun il-każ, u b'mod partikolari, iżda bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak hawn aktar qabel imsemmi kull avviż bħal dak jista', għall-għanijiet imsemmija, jeħtieġ id-demolizzjoni jew tibdil ta' kull bini jew xogħlijiet, il-waqfien ta' xi użu ta' art, jew li jsiru fuq l-art kull bini jew xogħlijiet oħra:
...
(11) Kull persuna li tħoss ruħha aggravata minn xi avviż notifikat lilha tista' tappella kontra tiegħu lit-Tribunal skont l-Att dwar it-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, f'liema każ l-effetti tal-avviż, ħlief it-talba li twaqqaf jew tipprojbixxi aktar attività u, jew żvilupp jew tirrikjedi t-twaqqif ta' użu, għandhom ikunu sospiżi sakemm l-appell jiġi maqtugħ b'mod finali.

**100.** ...
(4) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet jew regolamenti maħruġa taħt dan l-Att, meta ma jsirx appell minn avviż ta' twettiq u s-sid jew l-okkupant tal-art soġġetta għall-avviż ta' twettiq jew kull persuna responsabbli għall-atti msemmija fl-avviż, jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dak l-avviż ta' twettiq fiż-żmien preskritt fl-avviż ta' twettiq, dik il-persuna għandha tkun obbligata li tħallas multa ta' kuljum li għandha tkun regolata b'regolamenti magħmula mill-Ministru, li ma tkunx teċċedi ħamsin euro (€50) għal kull jum li għandha tapplika mill-jum li dik l-illegalità msemmija fl-avviż ta' twettiq li jkun notifikat, tkompli. Meta l-avviż ikun ġie appellat u l-avviz ta' twettiq ikun ġie kkonfermat mit-Tribunal jew mill-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri), kif ikun il-każ, il-multa ta' kuljum għall-kontinwazzjoni tal-illegalità għandha tkun ikkalkolata mid-data oriġinali notifikata fl-avviż ta' twettiq: Iżda l-Ministru jista' b'regolamenti jippreskrivi dati differenti minn meta l-multi ta' kull jum jibdew jiġu kkalkulati.

37. Is-setgħa tal-Awtorità intimata li toħroġ avviż bħal dak maħsub fl-artikolu 97 fil-konfront ta' persuna li ma tkunx għamlet l-iżvilupp hi, iżda tkun is-sid tal-post fejn sar l-iżvilupp ġiet limitata għal żvilupp li jsir wara d-dħul fis-seħħ tal-Att dwar l-Ippjanar.

Żvilupp illegali li sar qabel dik id-data jaqa' taħt l-ewwel subinċiż tal-artikolu 97, li ma jikkontemplax il-ħruġ tal-avviż ħlief fil-konfront ta' dak li jagħmel l-iżvilupp bla permess jew bi ksur tal-kondizzjonijiet tal-permess.

38. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, fid-deċiżjoni ***Engel and Others v The Netherlands*** (8/6/1976) fasslet il-kriterji li għandhom jiġu kkunsidrati sabiex jiġi stabbilit jekk sanzjoni għandhiex karattru penali jew le:

> The first criterion is the legal classification of the offence under national law, the second is the very nature of the offence and the third is the degree of severity of the penalty that the person concerned risks incurring. The second and third criteria are alternative and not necessarily cumulative. This, however, does not rule out a cumulative approach where separate analysis of each criterion does not make it possible to reach a clear conclusion as to the existence of a criminal charge (see Jussila v. Finland [GC], no. 73053/01, §§ 30-31, ECHR 2006-XIV; and Ezeh and Connors v. the United Kingdom [GC], nos. 39665/98 and 40086/98, §§ 82-86, ECHR 2003-X)[23]

39. Skont l-artikolu 97(4), avviż bħal dak maħruġ fil-konfront tar-rikorrenti nomine jinħareġ minħabba li «*żvilupp ta' art ikun ġie mwettaq ... mingħajr l-għoti ta' permess ..., jew li xi kondizzjonijiet li għalihom permess bħal dak mogħti fir-rigward ta' xi attività u, jew żvilupp kien soġġett ma ġewx imħarsa*». Dan huwa għemil li huwa meqjus bħala reat kriminali taħt l-artikolu 103(1) tal-Att dwar l-Ippjanar, b'dan illi huwa ingredjent tar-reat li l-ħati jkun għamel l-iżvilupp hu jew «*iħalli li jsir*» dak l-iżvilupp. Jidher għalhekk li l-għemil li dwaru nħareġ l-avviż meritu ta' din il-kawża, u ċjoè l-fatt li r-rikorrent nomine huwa sid ta' proprjetà li fuqha sar żvilupp illegali, m'huwiex minnu nnifsu klassifikat taħt il-liġi domestika bħala «reat kriminali».

40. Però l-qorti tosserva illi l-multi li dwarhom qed jilmenta r-rikorrenti jiġu mposti mhux mal-ħruġ tal-avviż, imma wara d-dekors taż-żmien indikat fl-avviż sabiex isir dak ordnat fl-istess avviż. **Għalhekk il-multi in kwistjoni huma essenzjalment konsegwenza tan-nuqqas t'osservanza tal-avviż, u mhux konsegwenza tal-avviż**

[23] Ara wkoll il-paragrafu 38 tad-deċiżjoni Häkkä v Finland (20/5/2014).

**innifsu jew tal-iżvilupp illegali li jkun wassal għall-ħruġ tal-avviż**. Issa skont l-artikolu 103(1)(ċ) tal-Att dwar l-Ippjanar:

> Kull min -
> …
> (ċ) wara li jkun ġie notifikat b'avviż ta' twettiq jew avviż ieħor skont l-artikoli 56, 97, 98 jew 99 jonqos milli jħares xi waħda mill-ħtiġiet ta' dak l-avviż fiż-żmien speċifikat fih;
> …
> ikun ħati ta' reat kontra dan l-Att u meta jinstab ħati, jeħel multa ta'mhux inqas minn elf u ħames mitt euro (€1,500) u mhux aktar minn mitt elf euro (€100,000), u dwar reat taħt il-paragrafu (d) jew, fil-każta' reat taħt il-paragrafu (ċ), jekk ir-reat ikompli għal aktar minn tliet xhur, ukoll għal priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tliet xhuru mhux iżjed minn tliet snin...

41. Il-multi li qed jilmenta minnhom ir-rikorrenti nomine jiġu mposti konsegwenzjalment għall-ħruġ t'avviż taħt l-artikolu 97 tal-Att dwar l-Ippjanar u huma regolati mid-dispożizzjonijiet tal-Avviż Legali 276 tal-2012, kif sussegwentement emendat[24]. Dawn il-multi jkunu imponibbli kemm-il darba l-persuna li fil-konfront tagħha jinħareġ l-avviż ma jneħħix l-iżvilupp illegali fiż-żmien mogħti lilu fl-avviż. Dan għalhekk ifisser li l-multi kwotidjani huma konsegwenza tan-nuqqas ta' dik il-persuna li tħares «*…xi waħda mill-ħtiġiet ta' dak l-avviż fiż-żmien speċifikat fih…*», **liema nuqqas huwa espressament klassifikat bħala reat kriminali taħt il-liġi domestika**.

42. Fil-fehma ta' din il-qorti, din il-klassifikazzjoni hija determinanti, u tneħħi l-ħtieġa li l-qorti teżamina l-kriterji l-oħrajn[25] identifikati fid-deċiżjoni ***Engel***. Dawk il-kriterji

[24] LS552.24.

[25] Inkiteb dwar dawn il-kriterji li: «*The Court has regard to factors such as how the offence is regarded in other Contracting States, the procedures applied, their connection or similarity to criminal offences and procedures, and whether the subject-matter constitutes an offence because of its context or because of general prohibition in the public interest. However, the imposition of liability on objective grounds without the need to establish any criminal intent or neglect does not deprive an offence of its criminal nature*» (***Reid***, A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights (4th Edition), §II-012). Qies partikolari jrid jingħata wkoll lill-piena li għaliha l-persuna kienet soġġetta. F'dan ir-rigward, wieħed għandu jqis jekk l-iskop tal-piena mposta jkunx punittiv jew sabiex isservi ta' deterrent (ara per eżempju ***Öztürk vs. Germany*** (QEDB, 21/2/1984), kif ukoll ***Il-Pulizija (Spettur Anthony Agius) vs. Angelo Abela*** (Qorti Kostituzzjonali, 30/9/2016), u ***Menarini Diagnostics srl vs. Italia***, QEDB, 27/9/2011). Għalkemm il-piena effettivament inflitta hija rilevanti, għandha wkoll tingħata konsiderazzjoni lill-piena li setgħet tiġi inflitta (ara ***Ezeh and Connors vs. United Kingdom,*** QEDB, 9/10/2003). Li kieku l-ewwel kriterju fuq imsemmi ma kienx sodisfatt, din il-qorti kien ikollha teżamina l-kriterji l-oħrajn, anki fid-dawl tal-insenjament kontenut fid-deċiżjoni ***Inocêncio vs. Portugal*** (QEDB, 11/1/2001), li fiha ġie osservat dan li ġej: «*The Court refers to its established case-law that in ascertaining whether there was a "criminal charge", regard must be had to three criteria: the legal classification of the measure in question in*

jkunu meħtieġa li jiġu eżaminati kemm-il darba l-offiża in kwistjoni ma tkunx espressament klassifikata fil-liġi domestika bħala reat kriminali[26]. Il-qorti tosserva għalhekk li l-konklużjonijiet li hija se tilħaq f'din id-deċiżjoni huma fil-parti l-kbira tagħhom xprunati minn din il-klassifikazzjoni tal-offiża li tiġbed il-multi kwotidjani taħt l-Avviż Legali 276/2012 bħala offiża kriminali taħt l-artikolu 103(1)(ċ) tal-Kapitolu 552. Dan però lanqas ma jfisser li f'każ li l-offiża in kwistjoni ma tibqax għal xi raġuni klassifikata bħala reat, mela allura l-konklużjoni tkun differenti. Ifisser biss li jekk l-offiża ma tibqax reat kriminali, jkun neċessarju li l-qorti teżamina wkoll il-kriterji l-oħrajn taħt id-deċiżjoni ***Engel***.

*national law, the very nature of the measure, and the nature and degree of severity of the "penalty" (see, as the most recent authority, Escoubet v. Belgium [GC], no. 26780/95, § 32, ECHR 1999-VII). Furthermore, these criteria are alternative and not cumulative ones: for Article 6 to apply in respect of the words "criminal charge", it suffices that the offence in question should by its nature be "criminal" from the point of view of the Convention, or should have made the person concerned liable to a sanction which, by virtue of its nature and degree of severity, belongs in general to the "criminal" sphere. This does not prevent a cumulative approach from being adopted where the separate analysis of each criterion does not make it possible to reach a clear conclusion as to the existence of a "criminal charge" (see the Garyfallou AEBE v. Greece judgment of 24 September 1997, Reports of Judgments and Decisions 1997-V, p. 1830, § 33). With regard to the first of these criteria, the Court accepts the Government's argument that the offence of which the applicant was accused fell within the ambit of legislation on administrative offences and not of the criminal law; nevertheless, it has not lost sight of the fact that there is no absolute partition between the two types of legislation, as is borne out by the wording of Article 32 of the Constitution and by the fact that the provisions of ordinary law governing criminal procedure are applied, on a subsidiary basis, to proceedings concerning administrative offences, as they were in the instant case. In any event, the indications furnished by domestic law have only a relative value. The second criterion stated above – the very nature of the offence, considered also in relation to the nature of the corresponding penalty – represents a factor of appreciation of greater weight (see the Öztürk judgment cited above, p. 19, § 52). Thus, according to the ordinary meaning of the terms, the criminal law generally covers offences rendering the perpetrator liable to penalties which are intended, inter alia, to act as a deterrent and which usually consist of custodial sentences and fines (see Escoubet, cited above, § 36). With regard to the nature of the offence, it would appear that the requirement to obtain a permit before carrying out construction work should be regarded as a means of controlling the use of property for the purposes of a balanced town-planning policy. A penalty for failing to comply with such a requirement cannot constitute a punitive criminal measure of general application to all citizens. This aspect is therefore not sufficient in itself for the penalty in issue to be regarded as inherently criminal. With regard to the nature and severity of the penalty, the Court notes, firstly, that the administrative fine in question could not in any circumstances be replaced by a custodial sentence in the event of non-payment. In that respect, the instant case is to be distinguished from other cases in which the Court has held Article 6 to be applicable (see, in particular, the Garyfallou AEBE judgment cited above, p. 1831, § 34). Admittedly, the maximum fine that could be imposed was PTE 20,000,000, a sum that is certainly substantial. However, it should be noted that there was no threat of criminal proceedings being brought against the applicant in place of the fine in question, unlike the position in the cases of Deweer v. Belgium (judgment of 27 February 1980, Series A no. 35, p. 23, § 45) and Société Stenuit v. France (judgment of 27 February 1992, Series A no. 232-A, opinion of the Commission, p. 13, § 62). In conclusion, these aspects, taken as a whole, are not significant enough for the measure imposed on the applicant to qualify as a "criminal" penalty, within the meaning of Article 6 of the Convention. That provision is therefore not applicable under its criminal head*».

[26] Kif jiktbu ***van Dijk & van Hoof*** (Theory and Practice of the European Convention on Human Rights, 3rd Edition, paġna 410): «*It has to be pointed out, however, that the autonomy of the interpretation of 'criminal charge' is a one-way autonomy insofar that, whenever an offence is classified as criminal, Article 6 applies without there being room for an investigation of whether that classification is the right one according to general objective principles of criminal law*».

43. Din il-fehma tal-qorti hija ulterjorment fortifikata mit-tieni subinċiż tal-artikolu 103 tal-Att dwar l-Ippjanar li jgħid ukoll hekk:

> Il-Qorti, minbarra l-għoti tal-piena msemmija fis-subartikolu (1), għandha tordna lill-ħati sabiex ineħħi dak li jikkostitwixxi r-reat u li jreġġa' lura kull ħaġa li tkun saret mingħajr permess jew li jħares il-kondizzjonijiet imposti fil-permess, skont il-każ, fi żmien biżżejjed għal dak l-iskop, iżda f'ebda każ f'aktar minn tliet xhur mid-data tas-sentenza, kif jiġi stabbilit mill-qorti; u, jekk il-ħati jonqos milli jħares xi ordni bħal dak fiż-żmien hekk stabbilit, jeħel multa ta' mhux inqas minn ħamsin euro (€50) u mhux iżjed minn mitt euro (€100), kif il-qorti tista' tistabbilixxi, għal kull ġurnata li n-nuqqas ikompli wara li jiskadi l-imsemmi żmien u tista' tordna wkoll il-modifika, sospensjonijew revoka ta' xi awtorizzazzjoni jew permess.

44. Dan ukoll huwa l-effett maħsub taħt id-dispożizzjonijiet ilmentati mir-rikorrenti nomine, u jkomplu jikkonfermaw li l-fatt li għalih qed jiġu mposti l-multi kwotidjani, u ċjoè n-nuqqas tar-rikorrenti nomine li jobdi l-avviż fiż-żmien mogħti lilu, huwa klassifikat mil-liġi ordinarja bħala offiża kriminali.

45. La darba għalhekk l-offiża in kwistjoni hija kriminali min-natura tagħha, tiġbed lejha l-applikazzjoni tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni kif ukoll tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

46. Issa skont l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni:

> (1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.

L-artikolu 6(1) jgħid:

> Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi…

47. Nibdew billi nqisu l-kwistjoni taħt l-artikolu 39.

48. Huwa ċar li l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni jrid li min jiġi mixli b'reat kriminali għandu jingħata smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli quddiem **qorti** indipendenti u mparzjali mwaqqfa b'liġi. Il-kelma "qorti" hija fl-artikolu 47(1) tal-Kostituzzjoni mfissra bħala «*kull qorti f'Malta li ma tkunx qorti mwaqqfa bi jew skont liġi dixxiplinarja u fl-artikoli 33 u 35 ta' din il-Kostituzzjoni tinkludi, dwar reat kontra liġi dixxiplinarja qorti hekk imwaqqfa*». Il-ġurisprudenza dejjem u konsistentement qieset illi l-kelma "qorti" fil-Kostituzzjoni tirreferi biss u unikament għall-Qrati Superjuri u għall-Qrati Inferjuri (ara, per eżempju, ***Il-Pulizija vs. Emanuel Vella***, Qorti Kostituzzjonali, 28/6/1983[27]; ***Aġent Kummissarju ta' l-Artijiet vs. Ignatius Licari noe***, Qorti Kostituzzjonali, 30/6/2004; ***Anthony Grech vs. Claire Calleja et***, Qorti Kostituzzjonali, 29/2/2008, fost oħrajn diġà ċitati).

49. Huwa ċert li l-Awtorità intimata u t-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar ma jidħlux fit-tifsira ta' "qorti".

50. Isegwi minn dan kollu li l-liġi ordinarja meta tagħti lill-Awtorità intimata l-fakultà u s-setgħa li tiddeċiedi li timponi multi "amministrattivi" għal fatt li huwa minn dik il-liġi ordinarja stess klassifikat bħala reat kriminali, qiegħda tikser il-ħtiġiet tal-artikolu 39(1). Il-liġi ordinarja stess, permezz tal-artikolu 103(4) tal-Kapitolu 552, teżiġi li proċedimenti għal reat kriminali taħt l-ewwel subinċiż – kompriż allura dak konsistenti min-nuqqas li dwaru r-rikorrenti nomine ġew soġġetti għall-multa kwotidjana – għandhom isiru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Dan huwa konformi ma' dak li jrid l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni.

51. Ma jistax però l-leġiżlatur, sabiex jiddispensa mill-ħtieġa li jixli lil min jikser jew allegatament jikser il-liġi kriminali quddiem qorti, joħloq sistema "amministrattiva" alternattiva, li għall-istess fatti twassal għall-impożizzjoni ta' penali kontra l-akkużat mingħajr però ma jkun hemm il-ħtieġa li l-akkuża tiġi determinata minn qorti.

52. Għalhekk il-qorti qed issib li r-rikorrenti nomine tassew kellu raġun jilmenta li l-artikoli 97 u 100, fil-partijiet rilevanti tagħhom ċitati aktar qabel, kif ukoll id-dispożizzjonijiet

[27] Kollezz. Vol.LXVII.i.2.

rilevanti wkoll ġjà ċitati mil-liġi sussidjarja, huma inkonsistenti mal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

53. La darba din id-deċiżjoni essenzjalment hija ristretta għall-kap tal-ispejjeż, din il-qorti ma jidhrilix li dwar dan il-kap tal-ilmenti tar-rikorrenti huwa neċessarju li hija tistħarreġ l-ilment tiegħu anki mill-ottika tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, billi dak l-eżerċizzju, fil-kuntest applikabbli f'din il-kawża, jista' biss ikun akkademiku. La l-qorti sabet li din il-parti tal-ilment tar-rikorrenti nomine huwa fondat taħt l-artikolu 39, l-ispejjeż relattivi se jitqiegħdu a karigu tal-parti l-oħra rrispettivament minn jekk l-istess ilment huwiex fondat taħt l-artikolu 6 wkoll, u għalhekk mhux neċessarju li dak l-eżami jsir f'dan il-każ.

54. Min-naħa l-oħra, it-tieni kap tal-ilmenti tar-rikorrenti nomine xorta waħda jrid jiġi eżaminat, billi jekk jitqies li ma kienx fondat, l-ispejjeż relattivi se jitqassmu mod'ieħor.

Ikkunsidrat:

55. Inqisu allura t-tieni kap tal-ilment tar-rikorrenti nomine, u ċjoè dak l-ilment li jgħid li l-fatt li l-liġi ordinarja tagħti lill-Awtorità intimata l-fakultà li, a tenur tal-artikolu 97(4) tal-Att dwar l-Ippjanar, toħroġ avviż ta' waqfien u twettiq anki kontra s-sid ta' post li fih isir żvilupp illegali, irrispettivament mill-fatt li dak is-sid ma jkunx wettaq l-iżvilupp hu, imur kontra l-preżunzjoni tal-innoċenza kontenuta fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

56. Diġà rajna li bis-saħħa tal-artikolu 97(4), l-Awtorità intimata tista' toħroġ avviż kontra l-persuna responsabbli għall-atti nnifishom u,jew kontra s-sid u,jew kontra l-okkupant ta' sit fejn ikun qed isir żvilupp illegali <u>wara</u> d-dħul fis-seħħ tal-Att dwar l-Ippjanar. Il-liġi tagħti lill-Awtorità tal-Ippjanar id-diskrezzjoni jekk toħroġx l-avviż kontra xi wieħed minn dawn il-persuni jew kontra lkoll kemm huma.

57. Diġà rajna wkoll li għall-każ ta' azzjoni taħt l-artikolu 97(4) tal-Att dwar l-Ippjanar, japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, la darba l-fatti li minħabba fihom (a) jinħareġ avviż ta' waqfien

u ta' twettiq u (b) jiġu mposti l-multi, huma espressament klassifikati bħala reati kriminali taħt il-liġi ordinarja mpunjata.

58. Issa skont l-artikolu 11(1)(ċ) tal-Att dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (Kapitolu 551 tal-liġijiet ta' Malta), kif ukoll skont l-artikolu 97(1) tal-Att dwar l-Ippjanar, il-persuna li fil-konfront tagħha jinħareġ tali avviż għandha dritt t'appell quddiem it-Tribunal imsemmi, kemm fuq punti ta' fatt u kemm fuq punti ta' dritt. Madanakollu, l-artikolu 36(1) tal-Kapitolu 551 tal-liġijiet ta' Malta jipprovdi wkoll:

> Meta jiġu ppreżentati appelli minn xi persuna li tħoss ruħha aggravata minn xi avviż ta' waqfien jew infurzar notifikat lilha skont l-artikoli 97, 98 u 99 tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, it-Tribunal:
> (a) jekk ikun sodisfatt li jkun ingħata permess taħt l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, jew taħt xi liġi oħra li kienet fis-seħħ qabel l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp u li kienet tirregola l-attività inkwistjoni jew permessi tal-bini, għall-attività jew żvilupp li l-avviż ikun jirreferi għalih, jew li ebda permess ma kien meħtieġ fir-rigward tiegħu, skont il-każ, u li l-kondizzjonijiet li taħthom ingħata l-permess ikunu ġew imħarsa, għandu jannulla l-avviż li dwaru jkun sar l-appell jew dik il-parti tiegħu li dwarha t-Tribunal ikun sodisfatt kif imsemmi qabel;
> (b) f'kull każ ieħor, għandu jiċħad l-appell:
> Iżda t-Tribunal għandu jordna lill-Awtorità tal-Ippjanar sabiex tbiddel l-avviż jekk huwa jqis li mhux l-illegalitajiet kollha elenkati fid-deskrizzjoni dettaljata fl-avviż huma illegali jew li wħud mill-illegalitajiet ġew imneħħija.

59. Skont din id-dispożizzjoni, it-tribunal vestit bil-kompetenza esklussiva li jisma' u jaqta' appelli ta' persuni li fil-konfront tagħhom jinħareġ avviż taħt l-artikolu 97 għandu biss jeżamina jekk l-iżvilupp in kwistjoni (i) sarx bis-saħħa ta' permess validu taħt xi liġi, u (ii) sarx b'ħarsien lejn il-kondizzjonijiet ta' dak il-permess. Il-liġi tgħid espressament li, f'kull każ ieħor, l-appell għandu jiġi miċħud.

60. Kif qed taraha din il-qorti, ir-rikorrenti nomine kien, b'effett tal-liġi ordinarja, prekluż milli jiddefendi ruħu kontra l-avviż in kwistjoni billi juri, per eżempju, li l-iżvilupp illegali ma sarx minnu, u li dak l-iżvilupp sar mingħajr il-kunsens tiegħu u bi ksur tal-kondizzjonijiet imposti minnu fuq id-detentur tas-sit. Kif qed taraha din il-qorti, is-sid tal-proprjetà huwa mġiegħel iġorr il-konsegwenzi ta' għemil imwettaq minn terzi,

mingħajr ebda opportunità sabiex huwa jiskolpa ruħu. Konsegwenzi li kif rajna jammontaw għal offiża ta' natura kriminali u jwasslu għalhekk għal sanzjonijiet ta' natura kriminali.

61. Din il-qorti rriflettiet fuq l-effetti prattiċi u legali tad-dispożizzjonijiet legali fuq imsemmija. Fil-fehma tagħha, hemm ċertu xebh bejn il-qagħda legali eżaminata f'din id-deċiżjoni u dik li kienet ġiet fis-seħħ b'effett tal-artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni (Kapitolu 249 tal-liġijiet ta' Malta). Għall-aħjar intendiment tal-osservazzjonijiet li ġejjin, din id-dispożizzjoni se tiġi ċitata hawnhekk:

> Meta xi reat taħt jew kontra xi dispożizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin tal-għemil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-għemil tar-reat:
> Iżda, ħlief dwar reati taħt jew kontra xi dispożizzjoni li tinsab f'Att li fih hemm dispożizzjoni li tixbah id-dispożizzjoni ta'dan l-artikolu, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw biss għal reati li jkunu saru wara il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att.

62. Naturalment, din id-dispożizzjoni tapplika b'mod ġenerali għal kull okkażjoni fejn iseħħ reat minn korp jew għaqda ta' persuni, filwaqt li d-dispożizzjonijiet eżaminati f'din id-deċiżjoni ma jirrigwardawx esklussivament l-istess kategorija ta' akkużati. Ix-xebh li qed tara din il-qorti huwa mibni fuq il-fatt li din id-dispożizzjoni wkoll toħloq preżunzjoni ta' responsabbilità f'kategorija ndikata ta' persuni, bl-istess mod kif l-artikolu 97(4) tal-Att dwar l-Ippjanar joħloq preżunzjoni ta' responsabbilità versu l-proprjetarju ta' kull sit fejn isir żvilupp illegali wara d-dħul fis-seħħ tal-istess Att.

63. Huwa fatt li l-ħolqien ta' preżunzjonijiet ta' ċerti fatti kontra l-akkużat mhux neċessarjament ixellfu jew idgħajjfu l-preżunzjoni tal-innoċenza, kemm-il darba dawk il-preżunzjonijiet ikunu *juris tantum* u ċjoè jammettu l-prova kuntrarja. Dan konformement mal-artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni li jgħid:

> Kull min jiġi akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm jiġi pruvat jew ikun wieġeb li huwa ħati:
> Iżda ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skont l-awtorità ta' xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu safejn dik il-liġi timponi fuq xi persuna akkużata kif intqal qabel il-piż tal-prova ta' fatti partikolari.

64. Fid-deċiżjoni ***Il-Pulizija vs. Anthony Grech Sant*** (Qorti Kostituzzjonali, 29/11/1989)[28] ġie fil-fatt miżmum li l-persuni msemmija fl-artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni kellhom kull opportunità li jirribattu l-preżunzjoni kontenuta f'dik id-dispożizzjoni u f'kull każ, id-dubju kellu jmur favur tagħhom. Il-kwistjoni ġiet eżaminata mill-ġdid fid-deċiżjoni ***Andrew Ellul Sullivan et vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija et*** (Qorti Kostituzzjonali, 18/6/2008), u l-pożizzjoni ġiet konfermata. Ilment li sar dwar l-istess dispożizzjoni lill-Kummissjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ***A.G. vs. Malta***[29] ġie kkunsidrat inammissibbli in bażi għas-segwenti konsiderazzjonijiet:

> The Commission recalls that presumptions of fact or of law operate in every legal system and that while the Convention does not prohibit such presumptions in principle, Article 6 para. 2 (Art. 6-2) requires States to confine them within reasonable limits which take into account the importance of what is at stake and maintain the rights of the defence (see e.g. Eur. Court H.R., Salabiaku judgment of 7 October 1988, Series A no. 141A, pp. 15-18, paras. 28-30).
>
> The Commission notes that in the present case the legislation provides that a director of a company is presumed guilty of an offence committed by the company unless he proves that the offence was committed without his knowledge and that he exercised all due diligence to prevent the commission of the offence. The applicant was therefore provided under the legislation with the possibility of exculpating himself. The Commission does not consider that the conditions, which required the applicant to prove that he had no actual knowledge of the offence and also was not negligent in his duties as an officer of a company, were self-contradictory or imposed an irrebuttable presumption.
>
> The Commission further finds that the Maltese courts enjoyed a genuine freedom of assessment in this area and that there is no indication that Article 13 of the 1975 Act

---

[28] Kollezz. Vol.LXXIII.i.227.
[29] 10/12/1991 – App. Numru 16641/90.

> was applied to the applicant in a manner incompatible with the presumption of innocence.

65. Applikati dawn il-prinċipji għall-każ odjern, il-qorti ssib li l-artikolu 97(4) joħloq ukoll preżunzjoni ta' responsabbilità fuq is-sid fir-rigward ta' żvilupp illegali mwettaq fi ħwejġu. Din il-qorti ma jidhrilix li dik il-preżunzjoni ta' fatt hija, minnha nnifisha, inġusta jew illeġittima. Wara kollox, huwa leġittimu li proprjetarju jkun preżunt li huwa konoxxenti jew addirittura konsenzjenti dwar dak li qed isir fi ħwejġu.

66. Dak li l-qorti qed issib oġġezzjonabbli fit-termini tal-artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni huwa li s-sid m'għandu ebda mezz legali sabiex jegħleb u jirribatti l-preżunzjoni maħluqa bis-saħħa tal-artikolu 97(4). Mhux talli l-liġi ma tipprovdi ebda mezz kif is-sid jeskulpa ruħu, talli l-liġi espressament tiċċirkoskrivi l-eżami li jista' jsir mit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar għal materji oħra, u l-imsemmi tribunal huwa mpedut mil-liġi li tikkostitwih li jidħol fi kwistjonijiet ta' responsabbilità. Huwa dan in-nuqqas li, fil-fehma tal-qorti, jikser dak li jipprovdi l-artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni.

67. Din in-nuqqas ta' konsistenza ma kinitx tkun teżisti kieku l-liġi ordinarja kienet tippermetti lis-sidien li kontra tagħhom jinħareġ avviż taħt l-artikolu 97(4) l-opportunità li bil-mezz ta' provi jeskulpaw ruħhom billi juru, ngħidu aħna, li (i) l-iżvilupp ma sarx minnhom; (ii) l-iżvilupp ma sarx bil-kunsens tagħhom; (iii) l-iżvilupp sar bi ksur ta' kondizzjonijiet minnhom imposti fuq id-detentur tas-sit; u (iv) s-sid ħa l-passi kollha raġjonevoli sabiex l-iżvilupp ma jsirx jew jitreġġa' lura. Minn dan kollu però fil-liġi attwali ma hemm xejn.

68. Din il-qorti għalhekk qed issib li l-fatt li sid huwa espost għal sanzjonijiet "penali", kif ġjà misjuba aktar qabel f'din id-deċiżjoni, sempliċiment għaliex huwa sid ta' proprjetà, effettivament tikkostitwixxi preżunzjoni ta' fatt kontra dak is-sid li m'hijiex minnha nnifisha leżiva tal-artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni. Billi madanakollu s-sid mhux mogħti l-opportunità li jirribatti l-effetti ta' dik il-preżunzjoni billi jressaq provi ta' fatti oħrajn bl-iskop li jeskulpa ruħu, dik il-preżunzjoni tassumi karattru *jure et de jure*, li għalhekk tikkozza ma' dak li jipprovdi l-artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni.

69. Għall-kompletezza, issir riferenza għad-deċiżjoni ***Francis Cachia Caruana vs. L-Awtorità tal-Ippjanar et*** (Qorti Kostituzzjonali, 26/10/2022). Din il-qorti tqis li f'dik il-kawża l-ilment sollevat u allura epurat mill-Qorti Kostituzzjonali kien divers. F'dak il-każ, kien ġie deċiż li l-ilment tar-rikorrent taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kien intempestiv billi kontra r-rikorrenti ma kienux ittieħdu proċeduri kriminali u lanqas ma setgħu jittieħdu, billi kienu jinsabu preskritti. F'dak il-każ, id-dispożizzjonijiet impunjati kienu oħrajn, u ċjoè ta' liġi preċedenti għall-Att dwar l-Ippjanar, fi żmien meta l-ħruġ ta' avviż ta' nfurzar ma kienx iwassal għall-impożizzjoni ta' multa kwotidjana għaliex il-liġi sussidjarja ċitata aktar qabel f'din is-sentenza ma kinitx għadha daħlet fis-seħħ. U kienet proprju l-introduzzjoni ta' din il-multa kwotidjana fil-kuntest tal-ħruġ tal-avviż t'infurzar li wassal lil din il-qorti biex tikkonkludi li anki f'dak il-kuntest hemm l-element "kriminali" li jiġbed lejh l-applikazzjoni tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Fattur li ma kienx fis-seħħ fil-każ ***Cachia Caruana***, appena ċitat.

70. Min-naħa l-oħra, ir-rikorrenti nomine kien soġġett għal avviż t'infurzar taħt il-liġijiet supra eżaminati, bil-konsegwenzjali espożizzjoni tiegħu għall-multa kwotidjana. Tassew li fil-mori tal-kawża, l-avviż tneħħa u l-multa tħallset mill-għaqda nkwilina. Madanakollu, la darba l-kawża saret meta l-vjolazzjoni lamentata kienet diġà qed isseħħ u aktarx se tissokta sseħħ, u la darba wkoll ma ntlaħaq ebda ftehim dwar il-kap tal-ispejjeż, il-qorti kellha xorta waħda tqis l-ilmenti oriġinarjament dedotti sabiex tasal għall-fehma tagħha jekk dawn kienux fondati meta ġew dedotti, sabiex tiddeċiedi jekk allura r-rikorrenti nomine jistħoqqlux ukoll jirkupra l-ispejjeż ġudizzjarji.

71. Għar-raġunijiet ġjà spjegati dwar l-ewwel kap tal-ilmenti tar-rikorrenti nomine, mhux meħtieġ li dan it-tieni kap tal-ilmenti jiġi wkoll eżaminat mill-ottika tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

72. La darba għalhekk qed jinstab li r-rikorrenti kellu raġun fl-ilmenti tiegħu, l-ispejjeż għandhom jiġu akkollati lill-Avukat tal-Istat, li jwieġeb hu għall-każijiet fejn liġi ordinarja tinstab li tikkozza mad-dispożizzjonijiet supremi tal-Kostituzzjoni. Naturalment, billi l-meritu nnifsu huwa eżawrit, din il-qorti m'għandha ebda ħtieġa li tagħti xi rimedju lir-rikorrenti nomine. Billi però b'din is-sentenza effettivament qed jinstab li xi dispożizzjonijiet tal-liġi ordinarja huma inkonsistenti mal-artikolu 39 tal-

Kostituzzjoni, huwa l-każ li jsir dak li jipprovdi l-artikolu 242(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

73. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet tar-rikorrenti nomine billi l-meritu tagħhom huwa eżawrit, qed tordna li l-ispejjeż tal-kawża jiġu interament sopportati mill-intimat Avukat tal-Istat.

Ai termini tal-artikolu 242(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-Qorti tordna wkoll lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex jekk u meta din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, jibgħat kopja tagħha lill-iSpeaker tal-Kamra tad-Deputati.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur